MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 496/1994/1

**Edward Zahra, ezercitanti l-kummerc that l-isem tad-ditta Rabat Marbles**
**Vs**
**Gordon Mizzi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Galileo Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li l-konvenut nomine ghandu jhallas lill-attur is-somma bilancjali ta' elf, mitejn, tmienja u ghoxrin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu, (Lm1,228.61c) rappresentanti parti bilancjali ta' prezz ta' rham mixtri minghand l-attur u parti rappresentanti ta' xoghol ta' qtugh ta' konkos f'turgien u shafts ta' lifts u mili ta' l-istess;

Peress li l-konvenut nomine gie kemm-il darba mitlub ihallas dan l-ammont bilancjali, pero' baqa inadempjenti;

Peress li dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenut nomine ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tghaddi biex taqta' u tiddeciedi s-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili; u

2. sussegwentement tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1228.61c bl-imghaxijiet minn meta dovut skond il-ligi sal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez u bil-konvenut nomine ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dana ghar-ragunijiet indikati hawn taht kif ukoll kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

2. Illi in kwantu l-attur qieghed jippretendi l-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' irham allegatament lilu dovut, l-ebda bilanc ma hu lilu effettivament dovut mill-eccipjent nomine u dana peress illi l-istess attur kejjel l-irham eccessivament.

3. Illi in kwantu l-attur qieghed jippretendi l-hlas rappesentanti prezz ta' xoghol ta' qtugh ta' konkos f'turgien u shafts ta' lifts u mili ta' l-istess liema xogholijiet allegatament saru mill-istess attur a favur tal-eccipjent nomine, dawn l-istess xogholijiet li allegatament gew esegwiti qatt ma gew awtorizzati li jsiru mill-eccipjenti nomine, irid jigi stabbilit jekk tassew kienux necessarji li jsiru, u f'kull kaz ghad iridu jigi mkejjla.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Rene Buttigieg minnu debitament mahlufa fl-1 ta’ April 2003;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jippretendi li ghandu jiehu minghand il-konvenut nomine is-somma ta’ Lm1,228.61 rapprezentanti in parte bilanc ta’ prezz ta’ rham mixtri mill-istess konvenut, u in parte rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ qtugh ta’ konkos f’ turgien u shafts ta’ lifts u mili tal-istess maghmul mill-attur fuq inkariku tal-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghal din il-pretensjoni billi jsostni li [1] t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, [2] il-prezz tal-rham mhux dovut peress li l-kejl li sar mill-attur kien eccessiv, u [3] rigward ix-xoghol l-iehor, dawn ix-xogholijiet ma kienux awtorizzati mill-konvenut, ma kienux necessarji u “f’ kull kaz ghad iridu jigu mkejla.”

Illi l-perit tekniku wara li semgha x-xhieda kollha u ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu, kif ukoll ghamel l-osservazzjonijiet dettaljati rigward it-talbiet attrici fl-isfond tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, wasal ghall-konkluzjoni “illi peress li t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm1,228.61 – tikkonsisti minn Lm745 valur tax-xoghol addizzjonali minnu esegwit u l-bilanc ta’ Lm483.61 – differenza fil-valur tax-xoghol kif minnu mkejjel, u peress li l-esponent diga ibbaza ruhu fuq il-kejl provvdut mill-konvenut u rriduca l-istima tax-xoghol addizzjonali ghal Lm654, l-esponent ghalhekk jiddikjara illi l-attur ghandu jithallas dan l-ammont ta’ Lm654 minghand il-konvenut.” [Fol.107] Ghalhekk it-talba attrici timmerita li tigi milqugha limitatament ghal dan l-ammont.

Illi din il-Qorti ma tarax raguni ghaliex ghandha tiddisturba il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku kontenuti fir-relazzjoni tieghu, liema relazzjoni din il-Qorti qed taddotaha fl-intier

taghha, b’ mod li ghandha tifforma parti integrali minn dan il-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa adozzjoni tal-relazzjoni teknika fl-intier taghha, tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ sitt mija erba u hamsin lira maltin [Lm654], u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur din is-somma ta’ Lm654 bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.  L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wguali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------